# 128. Carson City

*(Kif deskritta minn Mark Twain fil-ktieb tiegħu "Roughing It")*

Ir-riħ ta' Carson City
iżomm in-nies beżlin
biex jiġru wara l-kpiepel
minn rashom misruqin;

U waqt li jkunu xuxa,
u jidgħu dawk midgħajja,
minn rashom ix-xagħar jisraq,
għalhekk ilkoll qargħajja;

U waqt li jkunu jiġru
jimliehom trab irqiq,
qishom ħafna taħħana
li taħnu ħafna dqiq.

Is-sema f'Carson City
mimli bil-kpiepel kbar,
umbrelel, tined, lożor,
bibien, osqfa ta' djar.

U n-nies ta' Carson City
jiftiehmu biss bit-tiri;
tat-twiebet dejjem hieni
għax tgħidx kemm jaqla' liri!